# TFITTXIJA GĦAL ATLANTIS (7)



## Atlantis f'kitbiet antiki

JOSEPH SERRACINO






Iżda l-mistoqsija li ilha tiġi ntennija għall-mijiet tas-snin u sal-lum għadu ħadd weġibha u aktarx għad tibqa' misteru tibda dejjem l-istess: fejn tinsab mgħarrqa din il-gżira? Fl-Oċean Atlantiku li ismu aktarx ħiereġ minnha jew fil-baħar Mediterran? ħadd ma jaf eżatt! Iżda Platun jgħid li din il-gżira kienet tinsab fil-Punent tal-Mediterran, iżda fil-fatt dan il-baħar kemm kien magħruf fi żmienu?

Mill-kitbiet ta' Platun nafu li dan il-filosofu Grieg tal-antik kien jivvjaġġa ħafna u kemm-il darba żar Sqallija bħala mistieden tas-sultan ta' din il-gżira. M'hemmx l-iċken dubju li dan l-għaref kien jaf, li ftit mili 'l isfel minn Sqallija kien hemm għadd ta' gżejjer żgħar fosthom Maleth jew Melath - l-isem qadim ta' Malta. Riflessjoni ċkejkna dwar jekk l-għorrief ta' żmiennu kinux diġà skoprew li d-dinja tagħna hija tonda u mhux ċatta kif kienu jaħsbu ħafna oħrajn iġġegħelni nieqaf ftit u naħseb! Hemm min isostni li f'dak iż-żmien xi għorrief kienu skoprew li 'l barra mill-baħar Mediterran kien hemm baħar enormi (l-Oċean Atlantiku) u li taħt l-Asja kien hemm ieħor (l-Oċean Paċifiku). Sintendi dawn saru jafuh mill-baħħara li ħarġu mill-istrett ta' Ġibiltà u daru mal-kosta ta' kontinent Afrikan, u sintendi dwar il-Paċifiku saru jafu bih mill-baħħara li kienu ta' spiss jivvjaġġaw tul ix-xmara Nil tal-Eġittu u li kienu jidħlu fih biex jikkummerċaw mal-popli tal-pajjiżi jew tal-gżejjer fil-qrib.

Nafu li Platun fil-kitba tiegħu jaċċenna li kull ma fadal bħala xhieda tal-gżira ta' Atlantis huma l-qċaċet tal-għoljiet tagħha li baqgħu jgħumu f'wiċċ l-ilma fil-Punent tal-Mediterran. Issa jekk hu kienx qed jirreferi għall-gżejjer ta' taħt Sqallija li kif nafu l-Arċipelagu Malti jagħmel parti minnhom jew jekk kellux f'moħħu xi gżejjer oħra li jinsabu 'l barra mill-istrett ta' Ġibiltà (li hawn ukoll jinsabu fil-Punent tal-Mediterran) tibqa' dejjem il-mistoqsija li kulħadd jistaqsi iżda mhux faċli li tinstab tweġiba għaliha!

Xi wħud jemmnu li Platun kien qed jirreferi għall-gżejjer Maltin u l-gżejjer li hemm taħt Sqallija waqt li oħrajn jaħsbu li Atlantis tinsab f'lokalitajiet oħra kif se naraw. Jingħad li f'kitbiet antiki miktubin mill-Majas u mill-Aztecs bħal Chilan Balam, Dresden Codex, Popuhi Vuh, Codex Cortesianus u l-manuskritt ta' Troano li wara ġie tradott fil-istorja jitkellmu dwar il-qirda u d-distruzzjoni bl-għarqa ta' Atlantis u Lemura.

Silta meħuda mill-ktieb Olandiż Oera Linda, meqjus bħala l-aktar ktieb qadim li sa issa għandu nstab tgħarrafna dwar id-distruzzjoni u l-għarqa tal-gżira kbira fl-Atlantiku kkaġunata bit-terremoti u l-mewġ tal-marea (mewġ imqanqal minn maremot/terremot tal-baħar). Matul is-sajf kollu, ix-xemx inħbiet wara s-sħab bħallikieku ma tridx tiddi fuq id-dinja.

F'nofs din il-kalma u ħemda, id-dinja bdiet titriegħed bħallikieku kienet qiegħda tmut. Il-muntanji nfetħu u bdew jarmu l-ħġejjeġ u fjammi kbar tan-nar. Xi wħud mill-muntanji għebu taħt l-art waqt li f'postijiet oħra fil-pjanuri ffurmaw oħrajn ġodda. Atlantis għebet, u l-mewġ selvaġġ għola tant li għatta l-għoljiet, il-widien u difen kollox taħt l-ilmijiet tal-baħar. Ħafna nies inbelgħu mill-art waqt li oħrajn li ħelsu min-nirien inqerdu bl-ilmijiet.

L-istoriku Grieg Diodorus li għex mijiet tas-snin qabel Kristu kiteb li eluf ta' snin qabel il-Feniċi kienu żaru gżira kbira fl-Atlantiku fejn Platun kiteb li kienet Atlantis. Jingħad li ġeroglifiku (speċi ta' simboli) Feniċi nstabu fuq numru kbir ta' fdalijiet imġarrfa ta' siti qodma fil-ġungli tal-pajjiżi fil-kontinent Sud Amerikan. Diodorus kiteb ukoll li Atlantjani kellhom gwerra ma' Amażonjani! Fuq din il-gwerra li semma dan il-kittieb nixtieq nagħmel żewġ riflessjonijiet qsar mingħajr ma nidħol f'polemiċi dwar il-validità ta' din il-kitba. Jekk għall-benefiċċju tal-argument ninsew id-diversi teoriji li jeżistu dwar il-lokalità ta' Atlantis u għal mument naċċettaw it-teżi li din il-gżira veru kienet fl-Oċean Atlantiku, ma tħossux li d-distanza li kienet teżisti bejn iż-żewġ postijiet hi tant kbira u li kienet tagħmilha diffiċli ħafna li ssir gwerra bejniethom?

Barra hekk, gwerra ta' din ix-xorta fi żminijiet bikrija kienet teħtieġ flotta kbira, u b'saħħitha tant li kapaċi tbaħħar u tittrasporta fuqha gwarniġjoni kbar ta' gwerriera, l-ikel, tagħmir tal-gwerra u kull proviżjon ieħor f'baħar miftuħ.

Barra hekk aktarx li f'dawk iż-żminijiet ma kinux jeżistu flotot kbar u li l-bċejjeċ jew il-qxur tal-baħar, sejħulhom kif tridu kienu jkunu mibnijin mill-qasab u dawn żgur ma kinux b'saħħithom biex ibaħħru fit-tul. Riflessjoni oħra tista' sa ċertu punt tagħmel sens u forsi wkoll tagħti saħħa lil din il-kitba hi, jistax jagħti l-każ kif jaħsbu xi studjużi, li l-Atlantjani setgħu laħqu ikkolonizzaw xi gżejjer u b'hekk kabbru d-dominju tagħhom f'dak il-kontinent!

L-istoriku Grieg Ammianus Marcellinus kiteb ukoll dwar id-distruzzjoni ta' Atlantis. Meta Proculus żar il-gżejjer Canaries u Azores fl-Oċean Atlantiku 'l barra mill-istrett ta' Ġibiltà n-nattivi ta' dawn il-gżejjer kienu qalulu bid-distruzzjoni ta' Atlantis.

Herodotus meqjus minn xi wħud bħala l-aqwa storiku tal-qedem kiteb dwar ċiviltà misterjuża fuq gżira fl-Atlantiku.

Storiku Grieg ieħor Timagenus kiteb fuq gwerra bejn Atlantjani u Ewropej u jgħid li tribujiet fi Franza tal-qedem isostnu li Atlantis kienet art twelidhom ( tpinġijiet ċari li nstabu fl-għerien fi Franza juru nies lebsin ilbies tal-għoxrin seklu. Tpinġija minnhom twassal għall-kumpless piramidu taħt l-art.

L-istoriku u l-arkeoloġista Franċiż Robert Charroux id-data dawn it-tpinġijiet għal madwar 15,000 qabel Kristu.

Claudius Aelianus aċċenna għal Atlantis fix-xogħol tiegħu tat-tielet seklu "The Nature of Animals."

Proclus, li kiteb noti fuq ix-xogħlijiet ta' Platun afferma li Krantor kien żar Sais fl-Eġittu kif għamel Solon 300 sena qabel. Hemmhekk il-qassisin Eġizzjani wrewh il-kolonna tad-deheb li fuqha kien hemm minquxa l-ġrajja kollha dettaljata ta' Atlantis eżatt kif kienu rrakkontawha lil Solon il-predeċessur tiegħu.

Platun jgħidilna li l-editti u deċiżjonijiet ġudizzjali tas-slaten ta' Atlantis kienu jiġu mnaqqxa fuq kolonni tad-deheb. Kienu wkoll jagħmlu sagrifiċċju tal-barri lil Alla Nettunu. Dan ir-ritwal huwa karatterizzat ukoll fl-Andes magħrufa bħala Gomedha. Dan is-sagrifiċċju jikkommemora l-mewt tal-Ġenna tal-Art li xi wħud jaħsbu li kienet Atlantis infisha.

Platun jgħidilna wkoll li l-għarqa ta' Atlantis seħħet "9,000 sena qabel Solon. Dan il-leġiżlatur Grieg kien żar l-Eġittu madwar 600 sena qabel Kristu. B'kollox jagħmlu 11,600 sena ilu. Din id-data hija preċiżament l-għeluq ta' żmien is-silġ u meta saret il-katekliżma li kkawżat id-dilluvju.

Strabo, storiku u ġeografiku Grieg jgħidilna li 2,600 sena qabel it-twelidu xi baħħara ħarġu 'l barra mill-kolonni ta' Herculis u kkummerċaw mal-Tartessians li kienu identifikati bħala Atlantjani. Huwa afferma li kellhom storja miktuba li tmur lura madwar 7,000 sena qabel.

Jekk wieħed iqabbel id-dati ta' Strabo li għex fiż-żmien Kristu ma' dawk mogħtija minn Platun mijiet tas-snin qabel, allura 11,600 sena tal-għarqa jikkonferma kemm Platun kien korrett fil-kalkoli tiegħu u kien jaf fuqiex qed jikteb.

Arnobius, Isqof Kattoliku li għex fir-raba' seklu wara Kristu, f'waħda mill-prietki tiegħu dwar il-katastrofi kbar li saru matul iż-żminijiet u li kienu qerdu u għamlu ħerba minn ċiviltajiet sħaħ semma dik li qerdet għalkollox lil Atlantis ta' Nettunu. Hawnhekk ukoll id-data li jagħtina Arnobius hi dik ta' 11,600 sena, għalkemm jista' jagħti l-każ li dan l-isqof kien diġà familjari max-xogħol ta' Platun.

*ikompli f'ħarġa oħra*